



UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

**Brussell, 29 ta' April 2024
(OR. en)**

**2023/0452(COD)
LEX 2338**

**PE-CONS 52/1/24
REV 1**

**JAI 318
ENFOPOL 96
CRIMORG 36
IXIM 69
DATAPROTECT 100
CYBER 58
COPEN 94
FREMP 102
TELECOM 81
COMPET 213
MI 206
CONSOM 74
DIGIT 59
CODEC 579**

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
LI JEMENDA R-REGOLAMENT (UE) 2021/1232 DWAR DEROGA TEMPORANJA
MINN ĊERTI DISPOŻIZZJONIJIET TAD-DIRETTIVA 2002/58/KE
FIR-RIGWARD TAL-UŻU TA' TEKNOLOĠIJI MINN FORNITURI TA' SERVIZZI
TA' KOMUNIKAZZJONIJIET INTERPERSONALI INDIPENDENTI MIN-NUMRI
GĦALL-IPPROĊESSAR TA' DATA PERSONALI U DATA OĦRA
GĦALL-FINI TAL-ĠLIEDA KONTRA L-ABBUŻ SESSWALI TAT-TFAL ONLINE**

REGOLAMENT (UE) 2024/...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tad-29 ta' April 2024

li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1232
dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE
fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet
interpersonali indipendenti min-numri għall-ipproċessar ta' *data* personali
u *data* oħra għall-fini tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 16(2), flimkien mal-Artikolu 114(1), tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja²,

¹ L-opinjoni tas-17 ta' Jannar 2024 (għada ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

² Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' April 2024 (għada ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024.

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2021/1232 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ jipprevedi reġim temporanju fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn ċerti fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet interpersonali disponibbli pubblikament għall-fini tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online, sakemm jitħejja u jiġi adottat qafas legali fit-tul li jindirizza l-prevenzjoni ta' u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online (il-“qafas legali fit-tul”). Dak ir-Regolament japplika sat-3 ta' Awwissu 2024.
- (2) Il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, li l-Kummissjoni adottat fil-11 ta' Mejju 2022, għandha l-għan li tipprovdi l-qafas legali fit-tul. Madankollu, in-negozjati interistituzzjonali dwar dik il-proposta għadhom ma nbdewx u ċertament mhux ser jiġu konklużi fil-ħin biex il-qafas legali fit-tul, inkluż kwalunkwe emenda għar-Regolament (UE) 2021/1232 li jista' jkun fih, jiġi adottat, jidħol fis-seħħ u japplika sal-4 ta' Awwissu 2024.

³ Ir-Regolament (UE) 2021/1232 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Lulju 2021 dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri għall-ipproċessar ta' *data* personali u *data* oħra għall-iskop tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online (ĠU L 274, 30.7.2021, p. 41).

- (3) Huwa importanti li l-abbuż sesswali tat-tfal online jkun jista' jiġi miġġieled b'mod effettiv, f'konformità mar-regoli applikabbli tal-liġi tal-Unjoni, inkluż il-kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament (UE) 2021/1232, u mingħajr interruzzjoni, sakemm jiġu konklużi n-negozjati interistituzzjonali dwar il-proposta għall-qafas legali fit-tul, u l-adozzjoni, id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni tiegħu. Il-koleġislaturi jesprimu l-impenn tagħhom li jilħqu qbil dwar il-qafas legali fit-tul malajr kemm jista' jkun, u bil-ħsieb li tiġi evitata kwalunkwe estensjoni ulterjuri tar-Regolament (UE) 2021/1232 fil-futur.

- (4) Għalhekk, minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2021/1232 jiġi emendat biex jiġi estiż il-perjodu tal-applikazzjoni tiegħu għal perjodu ta' żmien li jkun limitat għal dak li huwa strettament neċessarju biex jiġi adottat il-qafas legali fit-tul u biex dan jidħol fis-seħħ. Huwa kruċjali li jiġi nnutat li dik l-estensjoni hija eċċezzjonali u jenħtieġ li ma tistabbilixxix preċedent għal estensjonijiet ulterjuri. Ir-Regolament (UE) 2021/1232 inizjalment tfassal bħala strument tranżitorju u temporanju li jservi bħala konnessjoni bejn l-implimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴, li għabet lis-servizzi ta' komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ mill-21 ta' Diċembru 2020 'l quddiem, u l-istabbiliment tal-qafas legali fit-tul. Għall-kuntrarju tal-aspettattiva tal-koleġislaturi, l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/1232 għandha bżonn tiġi estiża, minħabba fin-nuqqas ta' qafas legali fit-tul maqbul.

⁴ Id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (ĠU L 321, 17.12.2018, p. 36).

⁵ Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-*data* personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).

- (5) Skont ir-Regolament (UE) 2021/1232, sabiex tapplika d-deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE, il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri huma meħtieġa jippubblikaw u jissottomettu lill-awtorità superviżorja kompetenti u lill-Kummissjoni rapport dwar l-ipproċessar tad-*data* personali skont dak ir-Regolament.
- (6) Fid-dawl tar-rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/1232, huwa neċessarju li jittejjeb ir-rapportar lill-Kummissjoni kemm mill-Istati Membri kif ukoll mill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri. Huwa importanti wkoll li jiġi enfasizzat li jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/1232 fi żmien opportun.
- (7) Sabiex jiġi ffaċilitat ir-rapportar mill-fornituri ta' servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri, b'mod partikolari biex jiġi żgurat li r-rapporti tagħhom ikunu jistgħu jinqraw mill-magni u jkunu faċilment aċċessibbili, jenħtieġ li jiġi stabbilit format ta' rapportar komuni għal dawk ir-rapporti.
- (8) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 3(1), il-punt (g)(vii), tar-Regolament (UE) 2021/1232, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶.

⁶ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

- (9) Meta titqies il-ħtieġa li tiġi żgurata, fi żmien opportun, iċ-ċertezza legali u meta titqies in-natura limitata tal-emendi previsti f'dan ir-Regolament, jiġifieri l-estensjoni tal-perjodu ta' applikazzjoni tar-reġim temporanju u l-ġhoti ta' setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni għall-fini li jiġi stabbilit format ta' rappurtar komuni, huwa xieraq li jiġi previst li dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ malajr kemm jista' jkun.
- (10) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat skont l-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷ u ta l-opinjoni tiegħu fl-24 ta' Jannar 2024.
- (11) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2021/1232 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

⁷ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2021/1232 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 3 jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4. Id-*data* inkluża fir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (g)(vii), għandha tiġi pprovduta bil-miktub permezz ta' formola standard. Sa mhux aktar tard mit-3 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-kontenut u l-preżentazzjoni ta' dik il-formola permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Meta tagħmel dan, il-Kummissjoni tista' taqşam il-kategoriji tad-*data* elenkati fil-paragrafu 1, il-punt (g)(vii), f'subkategoriji.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 9a(2).";

(2) fl-Artikolu 9, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Abbażi tar-rapporti sottomessi skont l-Artikolu 3(1), il-punt (g)(vii), u l-istatistika provduta skont l-Artikolu 8, il-Kummissjoni għandha, sal-4 ta' Settembru 2025, tħejji rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u tissottomettih u tippreżentah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.";

(3) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"Artikolu 9a

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun Kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.";

(4) fl-Artikolu 10, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għandu japplika sat-3 ta' April 2026.".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President